G. Naudi

# AWTORITÀ TAD-DJAR



OTTUBRU 1986

# AWTORITÀ TAD-DJAR

Rapport ta' Ħidma bejn
Ottubru 1985 – Settembru 1986

u

Estimi ta' Dħul u Infiq bejn
Ottubru 1986 – Settembru 1987

Imħejjija skond Paragrafi 11 u 13 ta' l-Att Numru XV ta' l-1976
dwar l-Awtorità tad-Djar

IS-SEBA' ĦARĠA

**AWTORITÀ TAD-DJAR**
**BERĠA TAL-BAVIERA**
**IL-BELT**

Lill-Onorevoli DR CARMELO MIFSUD BONNICI, B.A., LL.D.,
PRIM MINISTRU,

Onorevoli SUR LEO BRINCAT, A.I.B.,
SEGRETARJU PARLAMENTARI,
(Informazzjoni u Djar)

Il-Bord tal-Awtorità tad-Djar, konformi mal-paragrafi 11 u 13 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar, għandu l-pjaċir jippreżenta s-Seba' Rapport li jittratta dwar l-attivitajiet tal-Awtorità għas-sena 1985/1986, kif ukoll Estimi ta' Dħul u Nfiq għas-sena finanzjarja 1986/1987.

L. FENECH – *Chairman*
(Awtorità tad-Djar)

L. GLANVILLE – *Membru*
(Bord tal-Awtorità tad-Djar)

R. MAMO – *Membru*
(Bord tal-Awtorità tad-Djar)

OTTUBRU 1986

# WERREJ

| | | |
|---|---|---|
| | | Paġna |
| I | Awtorità Tad-Djar – 10 Snin | 7 |
| II | Żvilupp tà Skemi Soċjali | 8 |
| III | Treġija u Ħidma Għall-Ġid Tas-Soċjetà | 9 |
| IV | Tqassim ta' Postijiet Tal-Gvern B'Kera Baxx | 11 |
| V | Għoti ta' Artijiet Għall-Bini B'Ċens Sussidjat | 12 |
| VI | Bejgħ bi Prezz Sussidjat ta' Bini Tal-Gvern | 13 |

## RAPPORT FINANZJARJU 1985–1986

| | | |
|---|---|---|
| A | Nefqa Kapitali | 17 |
| B | Dħul Minn Bejgħ ta' Postijiet | 18 |
| Ċ | Nefqa Fuq is-Sussidji Fuq l-Imgħaxijiet | 19 |
| D | Reviżjoni ta' Rati ta' Imgħax Għal Benefiċċjarji Taħt l-Iskema tal-"Home Ownership" | 22 |

## ESTIMI TÀ DĦUL U NFIQ 1986–1987

| | |
|---|---|
| Nefqa Kapitali | 27 |
| Dħul Minn Bejgħ ta' Postijiet tal-Gvern | 28 |
| Dħul Rikorrenti | 29 |
| Nefqa Speċjali | 30 |
| Nfiq Rikorrenti | 31 |

# I

## AWTORITÀ TAD-DJAR – 10 SNIN

Permezz ta' l-Avviż Legali Numru 129 tal-1976 imxandar fil-Gazzetta tal-Gvern eżattament 10 snin ilu nghata bidu ghas-sehh tal-Att Numru XV tal-1976 li permezz tieghu twaqqfet l-Awtorità tad-Djar bil-ghan li tmexxi skemi soċjali fil-qasam tad-djar f'Malta u f'Ghawdex.

Is-setghat moghtija mill-Parlament b'din il-liġi jawtorizzaw lill-Awtorità tad-Djar

(a) takkwista, iżżomm u tamministra, u b'kull mod tneħħi, kull proprjetà kemm mobbli kif ukoll immobbli;

(b) tiżviluppa, jew tieħu ħsieb l-iżvilupp ta', kull art ghal ghanijiet ta' residenza jew kummerċjali u ghall-ghanijiet konnessi ma' dan jew anċillari ghalih;

(ċ) tiffinanzja l-akkwist u l-iżvilupp ta' kull art, sew jekk dak l-akkwist jew l-iżvilupp ikun se jsir mill-Awtorità jew minn ħaddieħor, magħduda individwi;

(d) taghmel kull xorta ta' investiment li l-Awtorità jidhrilha xieraq jew spedjenti;

(e) taghmel dawk il-ħlasijiet, sew bħala sussidji jew xort'oħra, li jidhrilha xierqa ghal kull wieħed mill-imsemmija ghanijiet u ghal kull ghan ieħor li ghandu x'jaqsam mal-funzjonijiet taghha;

(f) taġixxi bi ftehim mal-Gvern bħala aġent biex twettaq, jew tkompli, il-policy tal-Gvern dwar id-djar, magħdud kull proġett jew pjan tal-Gvern dwar id-djar;

(ġ) taghti pariri lill-Gvern, permezz tal-Ministru, dwar kull ħaġa li ghandha x'taqsam mal-funzjonijiet taghha jew li l-Ministru jista' minn żmien ghal żmien jibghat lill-Awtorità ghall-parir;

(ħ) b'mod ġenerali taghmel kull ħaġa li tkun inċidentali jew li twassal ghal xi waħda mill-funzjonijiet taghha jew biex teżerċita xi waħda mis-setghat taghha.

Sa mill-11 t'Ottubru 1976, l-Awtorità tad-Djar ħadmet sabiex jintlaħqu l-ghanijiet li ghalihom twaqqfet, kif ukoll sabiex itejjeb il-Housing Standards f'Malta u f'Ghawdex.

Xhieda ta' l-gharfien li kisbet l-Awtorità f'din il-ħidma jaghtuh l-eluf ta' Maltin u Ghawdxin li, matul dawn l-ghaxar snin, inqdew u bbenefikaw mis-servizzi taghha. L-ghajnuna li dawn ingħataw tul dan iż-żmien hija ippreżentata fid-dettal f'dan ir-rapport.

## II

## AWTORITÀ TAD-DJAR – ŻVILUPP TA' SKEMI SOĊJALI

Id-Diretturi tal-Awtorità tad-Djar jattendu l-uffiċċju kuljum, filwaqt li laqgħat tal-Bord jinżammu regolarment kull ġimgħa jew aktar spiss skond il-ħtieġa. Barra minn hekk, id-Diretturi jiltaqgħu wkoll ta' spiss kemm mal-Ministru responsabbli għad-Djar, kif ukoll ma' korpi kostitwiti li jistgħu jgħinu waqt it-tfassil ta' skemi tal-Awtorità.

Fil-laqgħat li nżammu fis-snin li għaddew mal-Bank Ċentrali u mal-Korporazzjoni Lohombus, ittieħdu deċiżjonijiet importanti fejn, fost oħrajn, seta' jinkiseb self b'rati t'imgħax preferenzjali li għen ħalli jitwaqqfu skemi b'kundizzjonijiet finanzjarji favorevoli għal min jibbenefika minnhom.

L-Awtorità tad-Djar, wara li tiżviluppa xi skema partikolari, taħseb sabiex tgħarraf lill-pubbliku b'dan billi ittih id-dettalji meħtieġa ta' kif jintlaqat minn dak li ġie deċiż. Dan isir sabiex kull min jibbenefika mill-Iskema jinżamm aġġornat f'kull ħin bil-benefiċċji li għandu dritt għalihom.

# AWTORITÀ TAD-DJAR – TREĠIJA U ĦIDMA GĦALL-ĠID TAS-SOĊJETÀ

Matul l-għaxar snin mit-twaqqif tagħha, l-Awtorità tad-Djar tmexxiet minn Bord ta' tlieta minn nies li jinħatru, minn sena għal sena, mill-Prim Ministru fuq il-parir tal-Ministru responsabbli għad-Djar. Bejn Ottubru 1985 u Settembru 1986, il-Bord ta' l-Awtorità tad-Djar kien kompost mis-Sinjuri:

Leone Fenech – Chairman
Lewis Glanville – Membru u
Raphael Mamo – Membru

L-Istaff ta' l-Awtorità tad-Djar il-lum laħaq 47 kif jidher hawn taħt:

NIES JAĦDMU MAL-AWTORITÀ TAD-DJAR



Illum l-organizzazzjoni tal-Awtorità hija mqassma f'diversi taqsimiet li jinkludu s-Segretarjat, it-Taqsima tal-Finanzi, it-Taqsima Teknika, kif ukoll it-Taqsimiet li jiehdu hsieb id-diversi Skemi mhaddma mill-Awtorità.

It-Taqsimiet kollha jżommu kuntatt bejniethom, kif ukoll ma' Dipartimenti tal-Gvern li ghandhom xoghol marbut ma' dak ta' l-Awtorità nnifisha.

It-Taqsima Teknika ta' l-Awtorità tad-Djar thejji pjanti, taghmel spezzjonijiet fuq 'plots' li qed jinbnew, u taghmel rapporti in ġenerali ta' natura teknika. Tinghata ghajnuna ohra mill-uffiċċjali tekniċi billi dawn isegwu il-progress tax-xogholijiet tal-bini li jkun isir, u jirrapurtaw perjodikament fuq l-istadju tal-progress. Kemm id-Dipartiment tad-Djar kif ukoll dak ta' l-Artijiet jinghataw taghrif importanti li jirriżulta mill-ispezzjonijiet ta' dawn l-uffiċċjali.

Sabiex il-gżira ta' Ghawdex tista' tinghata servizz ahjar u l-Ghawdxin ma jkunux jinhtieġilhom jiġu Malta kull darba li jridu jinqdew, l-Awtorità tad-Djar fethet fergha f'Ghawdex.




Fix-xhur li ġejjin l-Awtorità tad-Djar bi hsiebha żżid in-numru ta' uffiċjali fil-gradi amministrattivi u bi hsiebha tikkomputerizza d-'data' li ghandha bil-ghan li mhux biss iżżid l-effiċjenza tal-uffiċċju, imma wkoll tkun tista' tippjana ahjar halli tilhaq il-htiġijiet ta' dawk li jridu akkomodazzjoni iktar adegwata.

u/c = under construction

# IV

## AWTORITÀ TAD-DJAR –
## TQASSIM TA' POSTIJIET TAL-GVERN B'KERA BAXX

L-Awtorità tad-Djar, fis-snin li għaddew, qassmet b'kera postijiet tal-Gvern – l-aktar appartamenti – f'diversi lokalitajiet f'Malta u Għawdex.

Fil-preżent, ħaddiema tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet u oħrajn għaddejjin fuq xogħol ta' bini ġdid u rranġar ta' blokki sħaħ ta' kwartieri li kienu jintużaw sa ftit taż-żmien ilu mis-Servizzi Ingliżi f'Malta, kif ukoll bit-twaqqiegħ u tiswijiet ta' kerrejiet u bini ieħor qadim f'dawn il-lokalitajiet: –

| | | |
|---|---|---|
| BELT | 64 post | 31 u/c + 33 ready (ALSO 7 units Pent-Edwin rented off) |
| BELT IL-ĠMIEL | 22 post | (ALSO 4 units Phase III) |
| BIRKIRKARA (TAL-LAQXIJA) | 47 post | (all u/c – ALSO 36 completed) |
| FURJANA | 3 postijiet | u/c |
| GŻIRA | 55 post | u/c |
| L-ISLA | 15-il post | (Block of 8 units + 7 ex-Services) (ALSO 8 units evacuated and apparently already reallocated) |
| KALKARA | 11-il post | → Bighi – 10 units Rinella – 1 unit |
| PEMBROKE | | |
| ST ANDREW'S | 63 post | (35 + 28) + 38 (in Malta) |
| ST GEORGE'S | 26 post | (24 + recent 2) |
| ST PATRICK'S | 36 post | u/c |
| QORMI | 15-il post | u/c |
| TIGNÈ | 86 post | (32 u/c + 6 ex-Chinese + 48 new ones) |

Kif jidher, fi ftit xhur oħra, se jkun hemm disponibbli numru ta' appartamenti ambjentati fil-lokalitajiet imsemmija hawn fuq, sabiex jinkrew lil dawk in-nies li jeħtieġ li jibdlu r-residenza preżenti tagħhom f'waħda aktar addattata għalihom, meta huma la jistgħu jibnu u l-anqas jixtru.

Din il-ħidma qed issir flimkien ma' l-għajnuniet l-oħra mħabbra mill-Gvern, fosthom l-Iskema ta' għoti ta' sussidju fuq il-kera kummerċjali li jitħallas minn familji Maltin u Għawdxin.

V

# AWTORITÀ TAD-DJAR – GĦOTI TA' ARTIJIET GĦALL-BINI B'ĊENS SUSSIDJAT

Taħt l-Awtorità tad-Djar, diġà ibbenefikaw 4,646 persuna taħt l-Iskema tal-"Home Ownership". Minn żmien għal żmien, l-Awtorità toffri bċejjeċ ta' art imferrxa f'Malta u f'Għawdex għall-bini ta' residenzi. Min jibbenefika mill-Iskema jgawdi diversi vantaġġi finanzjarji. Biżżejjed wieħed isemmi ċ-ċens baxx mitlub fuq dawn il-plots; l-opportunità li jingħata li jissellef b'rata ta' imgħax sussidjata; is-somom ta' flus li jiffranka fi spejjeż ta' drenaġġ, ta' pajpijiet tal-mains ta' l-ilma u tat-triq illi jitħallsu a spejjeż tal-Gvern.

L-iskema tal-"Home Ownership" hija miftuħa kemm għall-miżżewġin, imma wisq aktar għall-għarajjes. Meta joħorġu l-avviżi taħt din l-Iskema, l-Awtorità tad-Djar, bi ftehim mal-Gvern, toqgħod attenta wkoll li l-aktar li jibbenefikaw ikunu l-ħaddiema bi dħul baxx.

KUNTRATTI U KONVENJI IFFIRMATI
GĦALL-GĦOTI B'ĊENS TA' ARTIJIET TAĦT
L-ISKEMA TAL-"HOME OWNERSHIP"

| Ħarġa | Kuntratti | Konvenji | Total |
|---|---|---|---|
| I. (1977) | 118 | – | 118 |
| II. (1979) | 641 | 93 | 734 |
| III. (1981 – Jan) | 699 | 177 | 876 |
| IV. (1981 – Nov) | 545 | 395 | 940 |
| V. (1982) | 613 | 673 | 1,286 |
| VI. (1984) | 259 | 123 | 382 |
| VII. (1985) | 120 | 190 | 310 |
| TOTAL | 2,995 | 1,651 | 4,646 |
| | 65% | 35% | |

Qagħda fit-30 ta' Settembru, 1986

## AWTORITÀ TAD-DJAR — BEJGĦ BI PREZZ SUSSIDJAT TA'BINI TAL-GVERN

Matul dawn l-għaxar snin, l-Awtorità tad-Djar għenet lil familji u għarajjes biex jixtru kemm djar u appartamenti tal-Gvern battala biex imorru joqogħdu fihom huma, kif ukoll postijiet tal-Gvern li huma kienu jikru. Din l-għajnuna ngħatat f'forma ta' sussidju fuq il-prezz tal-bejgħ — li setà jlaħħaq sa 50 fil-mija fuq il-prezz oriġinali — kif ukoll sussidju fuq ir-rata tal-imgħax fuq is-self li setà ttieħed biex jitħallas il-prezz tal-bejgħ.

**BEJGĦ TA' POSTIJIET TAL-GVERN MILL-AWTORITÀ TAD-DJAR BEJN L-1979 U L-1986**




NOTA: Il-figuri fit-Tabella huma miġbura għal snin kalendarji. Għall-1986, iċ-ċifra ngħabret sal-aħħar ta' Settembru.

# RAPPORT FINANZJARJU

1985 – 1986

AWTORITÀ TAD-DJAR

RAPPORT FINANZJARJU

1985 – 1986

## A. NEFQA KAPITALI

Matul it-tnax-il xahar li għaddew, l-Awtorità tad-Djar nefqet somma ta' Lm99,000 sabiex tħallas għax-xogħlijiet li qed ikomplu jsiru fil-kumpless ta' Belt il-Ġmiel. Fil-fatt, meta l-ħsieb oriġinali kien għall-modifikazzjoni ta' 18-il post f'dan il-kumpless, iċ-ċifra, matul is-sena, ġiet imtellgħa għal 22. Huwa mbassar li dawn ir-residenzi jkunu lesti minn kollox sa l-aħħar tas-sena.

In-nefqa msemmija ttella' s-somma globali minfuqa mill-Awtorità tad-Djar fi proġetti ta' bini għal kważi ħames miljun lira f'għaxar snin.

Dawn il-flus li ntefqu mill-Awtorità tad-Djar, huma apparti l-miljuni l-oħra li joħroġ il-Gvern kull sena sabiex jagħmel ix-xogħlijiet l-oħra ta' tneħħija ta' "slums", rikostruzzjoni ta' bini, twittija u asfaltar ta' toroq, u tqegħid ta' servizzi neċessarji.




**KIF TELGĦET, MATUL IS-SNIN 1976 – 1986, IN-NEFQA MILL-AWTORITÀ TAD-DJAR, FIL-PROGRAMMI TA' BINI RESIDENZJALI**

sale proceeds Lm 176,262 Lm 191,580
Subsidies Lm 121,299 L 186,466
L 297,561 L 378,046

## B. DHUL MINN BEJGH TA' POSTIJIET TAL-GVERN

Bejn Ottubru 1985 u Settembru 1986, l-Awtorità tad-Djar bieghet 87 post tal-Gvern (36 dar u 51 appartament) ghas-somma globali ta' Lm367,842. Is-sussidji mahruġa fuq dawn il-kuntratti ta' bejgh lahqu Lm307,765 li jaghti perċentaġġ medju ta' 45.6 fil-mija: fi kliem iehor, ghal kull hamsa u hamsin lira li hareġ ix-xerrej, l-Awtorità tad-Djar harġet 45 lira ohra f'sussidju.

Sa minn mindu, fil-bidu tas-sena 1981, l-Awtorità tad-Djar habbret l-ghajnuna finanzjarja permezz ta' sussidji li kienet se tibda tinghata fuq il-prezzijiet tal-bejgh ta' djar u appartamenti tal-Gvern, l-ammont ta' din l-ghajnuna qarreb iż-żewġ miljun lira — kważi terz ta' miljun lira fis-sena.

### SUSSIDJI FUQ BEJGH TA' DJAR U APPARTAMENTI TAL-GVERN BEJN L-1981 U L-1986




| SENA | POSTIJIET VOJTA | POSTIJIET MIKRIJA | TOTAL |
|---|---|---|---|
| | Lm | Lm | Lm |
| 1980/1981 | 95,195 | 19,674 | 114,869 |
| 1981/1982 | 29,828 | 374,680 | 404,508 |
| 1982/1983 | — | 225,905 | 225,905 |
| 1983/1984 | 71,132 | 205,536 | 276,668 |
| 1984/1985 | 249,484 | 157,630 | 407,114 |
| 1985/1986 | 163,816 | 143,949 | 307,765 |
| TOTAL | 609,455 | 1,127,374 | 1,736,829 |

Hal Farrug flat – all table subsidised loan except Sale A/c Nos: 402 and 417 ............. 34 purchases
Mtarfa (ex St David's Qtrs) – all except Sale A/c Nos. 388, 389, 385, 401, 390 and 391 .................. 4 purchases
Belt il-Ġmiel – All except Sale A/c Nos: 653, 724, 844, 775.... 106 purchases

## Ċ. NEFQA FUQ IS-SUSSIDJI FUQ L-IMGHAXIJIET

L-Awtorità tad-Djar issussidjat mhux biss il-prezz tal-bejgħ jew ċens fuq art li tingħata għall-bini mingħajr il-ħlas ta' rigal għall-plot miċ-ċenswalist, iżda issussidjat ukoll ir-rata ta' l-imgħax fuq self mill-Bank għall-bini tal-plot jew għax-xiri tal-post. Din l-għajnuna l-benefiċċjarju seta' jeħodha billi huwa possibbli li jissellef ċerta somma mingħand il-Lohombus Corporation Limited u meta jħallasha lura bin-nifs jħallas magħha rata sussidjata ta' imgħax fuq is-self li jvarja skond il-mezzi finanzjarji ta' l-applikant. Il-firxa taż-żmien li fuqha jagħti dawn il-ħlasijiet ġiet ukoll estiża, għal dawn il-benfiċċjarji, sa massimu ta' 40 sena f'xi każijiet.




### L-OGHLA SELF LI JISTA' JINGHATA TAHT KULL HARĠA TA' ARTIJIET TAHT L-ISKEMA TAL-"HOME OWNERSHIP"

Meta llum jieħu self normali taħt l-Iskema tal-"Home Ownership", il-benefiċċjarju jiġi mitlub iħallas rata ta' imgħax li tvarja minn 2½ fil-mija għal min għandu dħul baxx ħafna sa 7½ fil-mija għal min għandu dħul li jiżboq is-Lm7,000 fis-sena.

Min jixtri residenza mingħand l-Awtorità tad-Djar jieħu self b'rata sussidjata ta' imgħax ta' jew 3 jew 5 fil-mija jekk id-dħul tiegħu ma jaqbiżx it-Lm3,500 fis-sena.

Bl-Iskema ta' Self Addizzjonali huwa possibbli li l-benefiċċjarju li jrid jissellef aktar minn dak li intitolat jieħu taħt l-Iskema Normali, jista' jagħmel dan (sa ċertu ammont) basta jħallas rata kummerċjali ta' imgħax għal dan it-tip ta' self. Dan is-servizz qed jingħata lill-pubbliku mill-Awtorità tad-Djar b'konsultazzjoni mal-Lohombus Corporation Ltd wara d-diversi talbiet li sarulha sabiex dan is-Self Addizzjonali jiġi konċess.

Illum il-ġurnata, hemm 3,743 kont ta' self miftuħa mal-Lohombus ta' nies li qed jibbenefikaw minn taħt xi skema tal-Awtorità tad-Djar. Dan in-numru mistenni joktor 'il quddiem malli jitħabbru skemi ġodda u joħorġu wkoll artijiet iżjed taħt l-Iskema tal-"Home Ownership".

Meta wiehed jifli l-imghaxijiet li jhallas il-beneficċjarju mqabbel mas-sussidju li toħroġ l-Awtorità tad-Djar, wiehed isib li minn kull Lm1 imghax li tithallas bhala medja, l-individwu joħroġ biss 52 ċenteżmu: 31 ċenteżmu ohra toħroghom l-Awtorità tad-Djar, waqt li s-17-il ċenteżmu l-ohra qed inaqqashom il-Lohombus mill-qligh tieghu meta jaghti rati preferenzjali ta' imghax lill-beneficċjarji ta' l-Awtorità tad-Djar, minflok ma jitlobhom ihallsu rata kummerċjali – li llum qieghda 7½ fil-mija – ghas-self li nghataw.

**IMGHAXIJIET IMHALLSA MINN BENEFICĊJARJI TA' L-AWTORITÀ TAD-DJAR**




| | 1984 | 1985 | 1986 |
|---|---|---|---|
| (Sehem il-klijent) | Lm 564,247 52% | Lm 959,745 51% | Lm 1,409,850 52% |
| (Sehem l-Awtorità tad-Djar) | 317,701 29% | 558,885 30% | 840,982 31% |
| (Sehem il-Lohombus) | 203.526 19% | 350.409 19% | 458,670 17% |
| | 1,085,474 | 1869,039 | 2,709,502 |

| | GHADD TA' BENEFIĊĊJARJI B'KONTIJIET TA' SELF MIFTUHA | KEMM INTRABTU LI JISSELLFU | KEMM IMBASSAR LI SE JITHALLSU IMGHAXIJIET SA L-AHHAR SENA TAS-SELF | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | SEHEM L-INDIVIDWU | SEHEM L-AWTORITÀ TAD-DJAR | SEHEM IL-LOHOMBUS CORPORATION LTD |
| | | Lm | Lm | Lm | Lm |
| XERREJJA TA' DJAR LESTI | 727 | 2,299,696 | 743,403 | 360,428 | 169,913 |
| BENEFIĊĊJARJI TA' 'PLOTS' MHUX MIBNIJA | 3,016 | 13,298,945 | 6,083,836 | 4,060,398 | 1,561,030 |
| | 3,743 | 15,598,641 | 6,827,239 | 4,420,826 | 1,730,943 |

NOTI: F'dan it-tbassir, tqies li min jissellef jiġbed is-self kollu li ntrabat li jiehu, li jhallas dejjem bl-istess rata ta' imghax u li jkun dejjem puntwali fil-pagamenti tieghu lura lill-Bank.

→ of which Lm 6,608,200 covered by guarantees (40%)

Qaghda fit-30 ta' Settembru 1986

L-Awtorità tad-Djar tbassar li sakemm jinghalqu l-kontijiet tas self kollha li hemm illum miftuha, tkun hallset Lm4,400,000 ohra f'sussidji fuq l-imghaxijiet lill-Lohombus Corporation Ltd. Din hija rabta li ghandha l-Awtorità tad-Djar mal-Lohombus Corporation Ltd u mal-individwi li ssellfu u ghalhekk wiehed irid jahseb sabiex din il-weghda tiġi onorata.

Illum, l-Awtorità tad-Djar thallas perċentaġġ qawwi mill- infiq rikorrenti ta' kull sena f'dawn is-sussidji. Tant hu hekk, li dan il-perċentaġġ ilahhaq maż-żewġ terzi tan-nefqa kollha rikorrenti tas-sena 1985/1986.




| | | |
|---|---|---|
| Sussidji fuq l-imghaxijiet ...................... | Lm277,140 | (66.5%) |
| Pagi u salarji ................................... | Lm 93,620 | (22.5%) |
| Spejjeż amministrattivi ohra.................. | Lm 45,986 | (11%) |
| | Lm416,746 | |

## D. REVIŻJONI TA' RATI TA' IMGHAX GHAL BENEFIĊĊJARJI TAHT L-ISKEMA TAL-"HOME OWNERSHIP"

Ghat-tieni sena konsekuttiva, l-Awtorità tad-Djar ghamlet reviżjoni tar-rati ta' imghax ta' min kien ha art b'ċens fil-Harġiet ta' Novembru 1981 jew ta' Settembru 1982. Dan sar skond il-kundizzjonijiet li tahthom inghataw l-artijiet.

Kif imfisser fir-Rapport ta' qabel dan, l-iskop tar-Reviżjoni huwa sabiex ir-rata ta' imghax tal-individwu tiġi marbuta mal-qaghda finanzjarja ta' dak li jkun b'mod li fejn din titjieb jibda jhallas ftit iżjed il-benefiċċjarju u ftit anqas l-Awtorità tad-Djar, u vice versa. Dan huwa eżerċizzju li juri twettiq ta' prinċipju ta' ġustizzja – min jiġi merfugh u meghjun 'il fuq f'mumenti ta' bżonn ghandu jkun l-ewwel wiehed li jaghti s-sehem tieghu biex dak li sar mieghu jsir ma' haddiehor, jekk 'il quddiem huwa jtejjeb il-qaghda finanzjarja tieghu.

REVIŻJONI TA' IMGHAXIJIET – 1986

| RATA RIVEDUTA | 2.5% | 3% | 3.5% | 6% | 7% | 7.5% | TOTALI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| RATA ANTIKA | | | | | | | |
| 2.5% | 91 | 87 | 17 | 23 | 3 | – | 221 |
| 3 % | 35 | 228 | 52 | 30 | 16 | – | 361 |
| 3.5% | 9 | 29 | 48 | 19 | 5 | 1 | 111 |
| 6 % | 1 | 1 | 3 | 6 | 7 | 1 | 19 |
| 7 % | 1 | – | – | 1 | 3 | 1 | 6 |
| 7.5% | – | – | – | – | 1 | – | 1 |
| TOTALI | 137 | 345 | 120 | 79 | 35 | 3 | 719 |

IL-KONTIJIET RIVEDUTI FIL-BIDU TAL-1986

| | | % |
|---|---|---|
| RATA TA' IMGHAX LI MA NBIDLITX | 376 | 52.3 |
| RATA TA' IMGHAX OGHLA | 262 | 36.4 |
| RATA TA' IMGHAX INQAS | 81 | 11.3 |
| | 719 | |

# ESTIMI TA' DĦUL U NFIQ

1986 — 1987

# AWTORITÀ TAD-DJAR

## ESTIMI TA' DHUL U NFIQ GHAS-SENA 1986 – 1987

F'dawn l-Estimi ta' Dhul u Nfiq ta' flus ghas-sena li ġejja, l-Awtorità tad-Djar qed iżżomm quddiem ghajnejha l-impenji li ghandha. Mill-banda l-ohra, l-Iskemi li saru fl-imghoddi u li qeghdin ikunu ta' benefiċċju ghal dawk li hadu vantaġġ minn dawn l-Iskemi sal-lum, se jibqghu jiġu ffinanzjati anke ghall-ġejjieni.

### NEFQA KAPITALI

Taht dan il-Kap, l-Awtorità tad-Dajr se tivvota flus sabiex jithallsu l-ahhar kontijiet ta' Fażi ohra fil-proġett ta' Belt il-Ġmiel. Proġetti ohra ta' bini ghall-Maltin u Ghawdxin se jiġu mhabbra ghall-jiem li ġejjin, u l-Awtorità tad-Djar se tkun imsejha sabiex taghti l-kontribut taghha f'dan il-qasam permezz tal-esperjenza li ghandha.

### KIRI TA' POSTIJIET

Fix-xhur li ġejjin se tinghata enfasi speċjali fuq il-kiri ta' aktar postijiet lill-Maltin u lill-Ghawdxin bhala residenzi.

### INFIQ RIKORRENTI

L-akbar żieda, bhal fi snin imghoddija, se tkun fis-sussidji fuq l-imghaxijiet li jridu jithallsu lil-Lohombus Corporation. Huwa mbassar li l-estensjoni ta' self b'rata sussidjata ta' imghax lill benefiċċjarji ta' artijiet tal-''Home Ownership'' li harġu fl-1984, u fl-1985, kif ukoll il-benefiċċji ta' din l-Iskema li se jitgawdew mill-applikanti taht it-tmien Harġa, se jkunu jiswew mat-Lm80,000 ghas-sena li ġejja.

### NEFQA SPEĊJALI

Inhass il-bżonn li x-xoghol ta' l-uffiċċju jiġi komputerizzat biex tinġabar informazzjoni aktar preċiża u aktar malajr, u ghal dan il-ghan qed jiġu ivvutati flus sabiex jinxtara l-apparat mehtieġ u tibda tithaddem din is-sistema.

# AWTORITÀ TAD-DJAR
# L-ESTIMI GĦAS-SENA 1986 – 1987
# FIL-QOSOR

| DĦUL | | ĦRUĠ | |
|---|---|---|---|
| | Lm | | Lm |
| – Bejgħ ta' postijiet tal-Gvern | 318,000 | – Nefqa Kapitali | 58,700 |
| – Dħul Rikorrenti | 162,000 | – Nefqa f'Sussidji | 392,000 |
| | 480,000 | – Nefqa oħra Rikorrenti | 200,350 |
| – Defiċit (li joħroġ mill-fondi tal-Awtorità tad-Djar) | 171,050 | | |
| | 651,050 | | 651,050 |

# NEFQA KAPITALI

| NEFQA 1984/1985 | 1985/1986 | | DETTAL | STIMA 1986/1987 | NOTI |
|---|---|---|---|---|---|
| | STIMA | NEFQA | | | |
| Lm | Lm | Lm | | Lm | |
| 4,433 | 3,000 | 984 | 1. Ħlasijiet fuq Programmi ta' Bini ta' qabel | 1,700 | Ħlasijiet finali għal tqegħid ta' kmamar tal-banju u kontijiet ta' dawl u ilma li għadhom ma tħallsux |
| 119,000 | 156,000 | 99,000 | 2. Xogħlijiet ġewwa Belt il-Ġmiel | 57,000 | Pagamenti ta' l-aħħar għat-tlestija tat-tieni fażi tal-proġett. Tħejjew 22 post flok it-18 imbassra |
| 123,433 | 159,000 | 99,984 | TOTALI | 58,700 | |

# DHUL MINN BEJGH TA' POSTIJIET TAL-GVERN

| DHUL 1984/1985 | 1985/1986 STIMA | 1985/1986 DHUL | DETTAL | STIMA 1986/1987 | NOTI |
|---|---|---|---|---|---|
| Lm | Lm | Lm | | Lm | |
| 324,881 | 330,000 | 254,187 | 1. Bejgh ta' postijiet battala | 200,000 | Din is-somma mistennija tidhol kollha mill-bejgh ta' 50 post li l-bejgh taghhom kien diġà kommess fl-1985/1986 bil-hlas ta' depożiti |
| 161,997 | 150,000 | 148,690 | 2. Bejgh ta' postijiet lill-inkwilini | 118,000 | Stima ghall-bejgh ta' postijiet tal-Gvern lill-inkwilini. |
| 486,878 | 480,000 | 402,877 * | TOTALI | 318,000 | |

* Somma li tinkludi l-hlas ta' depożiti fuq il-bejgh ta' xi postijiet li l-kuntratt finali taghhom jrid isir matul l-1986/1987.

VACANT Lm 32,922 (41 properties)
OCCUPIED Lm 8,628 (10 properties)
Lm 41,550

other o/s deposits due to be refunded

Lm 800 (Door A4 Ta' Xbiex)
Lm 700 (Block II House 5 Hal Far)
Lm 550 (Flat 19 Kalafrana)
Lm 2,050

# DHUL RIKORRENTI

| DHUL 1984/1985 | 1985/1986 STIMA | 1985/1986 DHUL | DETTAL | STIMA 1986/1987 | NOTI |
|---|---|---|---|---|---|
| Lm | Lm | Lm | | Lm | |
| 641 | 3,800 | 1,055 | 1. Kera ta' postijiet tal-Gvern li jkunu se jinbieghu lill-inkwilini | 2,000 | Parti mill-arretrati ta' kirjiet li kien hemm fl-1985/1986 u li fil-fatt se tidhol matul l-1986/1987 |
| 69,537 | 78,500 | 76,448 | 2. Ċnus ta' artijiet li harġu taht l-Iskema tal-"Home Ownership" | 80,000 | Ikopru ċnus ta' kważi 3,500 biċċa art taht l-Iskema tal-"Home Ownership" |
| 60,032 | 59,000 | 70,670 | 3. Imghax minn investimenti u flus fil-Bank | 70,000 | |
| – | – | 11,765 | 4. Differenza ta' flus fi trasferimenti ta' artijiet tal-"Home Ownership" | 10,000 | Wara li art tal-"Home Ownership" tiġi trasferita lil haddiehor bil-kunsens ta' l-Awtorità tad-Djar, id-differenza fil-prezz tal-bejgh tal-benefikati tghaddi ghand l-Awtorità |
| 130,210 | 141,300 | 159,938 | TOTALI | 162,000 | |

## NEFQA SPEĊJALI

| NEFQA 1984/1985 | 1985/1986 STIMA | 1985/1986 NEFQA | DETTAL | STIMA 1986/1987 | NOTI |
|---|---|---|---|---|---|
| Lm | Lm | Lm | | Lm | |
| – | – | – | Komputerizzazzjoni tal-uffiċċju | 5,000 | Vot ġdid biex jahseb ghall-istallazzjoni u t-thaddim ta' sistema ta' komputer fl-uffiċċju. |
| – | – | – | TOTALI | 5,000 | |

# INFIQ RIKORRENTI

| NEFQA 1984/1985 | 1985/1986 STIMA | 1985/1986 NEFQA | DETTAL | STIMA 1986/1987 | NOTI |
|---|---|---|---|---|---|
| Lm | Lm | Lm | | Lm | |
| 81,907 | 280,000 | 93,620 | 1. Salarji, pagi, eċċ | 140,000 | Flus għal-ħlas tal-pagi tal-impjegati kollha tal-Awtorità għal sena sħiħa. |
| 2,300 | 6,500 | 1,871 | 2. Ħtiġijiet tal-Uffiċċju | 7,000 | Somma maħsuba biex tkopri wkoll xi spejjeż ta stationery, eċċ għall-Computer. |
| 5,882 | 14,800 | 10,279 | 3. Trasport | 7,000 | |
| 210 | 300 | (408) | 4. Spejjes mixxellanji | 300 | |
| 750 | 750 | 750 | 5. Kera tal-uffiċċju | 750 | |
| 517 | 700 | 572 | 6. Ħlas ta' dawl u ilma tal-uffiċċju | 700 | |
| – | 200 | 200 | 7. Ħlas lura ta' depożiti tal-"Home Ownership" | – | |
| 242,827 | 295,000 | 277,140 | 8. Sussidji fuq l-imgħaxijiet ta' self mill-Lohombus | 392,000 | Jiġbor fih ħlasijiet rikorrenti kif ukoll iż-żieda minħabba l-estensjoni tas-sussidji lil aktar benefiċċjarji |
| 28,308 | 31,000 | 31,422 | 9. Imgħaxijiet fuq self għall-Iżvilupp | 38,000 | |
| 1,300 | 1,300 | 1,300 | 10. Ħlas lill-udituri | 1,600 | |
| 364,001 | 630,550 | 416,746 | TOTALI | 587,350 | |